# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 3.4

**Kap 3: Il-qalb tajba**

**Lezzjoni 3.4: X'nagħmel biex nuri li nħobb?**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jifhmu li Alla ħalaq ħafna affarijiet għalina.
2. Jirrealizzaw li Alla jħobbna u qatt ma jħallina waħedna.
3. Jiddiskutu x'għandhom jagħmlu biex iħobbu tassew.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint 'Alla ħalaq kollox'.
- Powerpoint 'Alla?'.
- Karta ta' taħriġ 3.3 - X'nagħmel biex nuri li nħobb?
- Kanzunetta 'How great is our God'.



## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi: "Int lilek min iħobbok?" L-istudenti jgħidu li l-ġenituru, in-nanniet, l-għalliema eċċ, iħobbuhom.
- Fakkarhom li Alla jħobbhom ukoll.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Staqsi:

- Kif nafu li Alla jħobbna? (Għax għamel dinja sabiħa - Għax ħalaq kollox sabiħ biex iżejjen id-dinja ħalli aħna nkunu ferħana.)

2. Uri l- Powerpoint 'Alla ħalaq kollox', bħala reviżjoni ta' dak li jkunu raw is-sena ta' qabel.
3. Uri wkoll il-Powerpoint fejn nuru li għalkemm Alla dejjem ikun hemm ħdejna aħna ma nindunawx bih.
4. Iddiskuti l-fatt li aħna ma nindunawx bih għax ninsew li Hu qiegħed magħna u jgħinna permezz ta' dawk ta' madwarna.
5. Stieden lit-tfal isemmu nies li Alla jinqeda bihom biex jurina li jħobbna tassew



6. Fakkar fir –rispett u l-imħabba li aħna rridu nuru lejn kulħadd u allura l-aktar lejn dawk li qegħdin hemm biex jgħinuna.
7. Iftaħ il-Ktieb tal-Attivitajiet 3.3. Iddiskuti l-istampa mat-tfal u stidinhom jgħidu x'jaħsbu li turi l-istampa.
8. Enfasizza li meta nonqsu lil xi ħadd irridu ngħidu 'sorry'.
9. Aqra Attività 2 u staqsi lit-tfal liema verbi/frażijiet iridu jpinġu li juru li persuna tkun weġġgħet.
10. Spjega l-Attività ta' Sam u Tara u kkonsolida l-fatt ta' kemm hu ikrah it-tgħajjir.
11. Spiċċa bis-song: 'How Great is our God'.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**




1. Alla jħobbna ħafna.
2. Alla għamel kollox għalina.
3. Aħna għandna nħossu l-preżenza ta' Alla għax Alla jinsab kullimkien.
4. Hu jħobbna permezz tan-nies ta' madwarna
5. Inħobbu tassew meta nġibu rispett u mhux ngħajru.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**



It-tfal juru li japprezzaw dak li dawk li huma madwarhom u jħobbuhom, jagħmlu għalihom. Alla jurihom li jħobbhom permezz ta' dawn in-nies kollha.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Kanzunetta 'How great is our God' Link fuq Youtube

http://www.youtube.com/watch?v=i8KN2sa2beo



## Nitolbu



Mulej Ġesù, għinna nħobbu kif tħobbna Int.